*- NOTIFIKA TAC-CITAZZJONI –*

*-ARTIKOLI 187 (4) U 181A TAL-KAP 12 –*

*- NULLITA' TA' NOTIFIKA' -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 19**
**Citazzjoni Numru: 651/99/RCP**

**Giovanni u Simone konjugi Cefalu**

**vs**

**Crown Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici ipprezentata fis-17 ta' Marzu 1999 fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa direttur tas-socjeta` AMC Electric Ltd;

Illi din s-socjeta` kienet dahlet f’kuntratt mas-socjeta` konveuta fl-1 ta’ Dicembru 1997, ghall-esekuzzjoni u provvista ta’ xoghlijiet u makkinarju ta’ elettriku u idrawlika fil-lukanda maghrufa bhala Arizona Hotel, Bugibba.

Illi s-socjeta` konvenuta naqset li zzomm il-post tax-xoghol cioe` l-Arizona Hotel liberu minn kull intralc jew impediment, u halliet il-fond f’liema kellhom jigu esegwiti x-xoghlijiet mis-socjeta` tal-attur fi stat ta’ perikolu ghall-inkolumita personali tal-haddiema, u dan b’ negligenza kif ukoll bi ksur tar-regolamenti u ligijiet li jissalvagwardaw l-inkolumita tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol;

Illi fil-kors tal-esekuzzjoni tal-istess appalt mis-socjeta` attrici l-attur Giovanni Cefalu fit-30 ta’ Jannar 1998, korra waqt li kien qieghed izur il-fond tas-socjeta` konvenuta, cioe` l-Arizona Hotel, Bugibba, u dan fil-kors tal-esekuzzjoni tal-appalt kommess lis-socjeta` tieghu AMC Electric Ltd, liema incident gara minhabba l-istat hazin f’liema is-socjeta` konvenuta halliet il-fond tax-xoghol lilha appartenenti, u dan b’ tort u htija tan-negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi b’ konsegwenza ta’ dan l-attur sofra debilita permanenti kif jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza;

Illi l-attur sofra diversi danni konsistenti f'kuri medici, spejjez inerenti ghall-kura**,** telf ta' xoghol u qliegh, u telf risultanti mid-debilita b'liema huwa baqa' affett kif jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni;

Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata b'ittra ufficjali tas-27 ta' April 1998, baqghet inadempjenti;

L-istess atturi talbu li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex ma ghandiex din il-Qorti:

1. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbili ghad-danni kollha sofferti mill-attur fl-incident li gara fl-Arizona Hotel Bugibba fit-30 ta' Jannar 1998, liema incident gara minhabba n-negligenza, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u ligi, tort u htija tas-socjeta` konvenuta;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur fil-fuq imsemmi incident, okkorendo b'opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 1998 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda (fol. 3 u 4).

Rat illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici fit-23 ta' April 1999 hija naqset li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Gunju 1999 gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia sabiex jisma' l-provi kollha tal-atturi dwar il-kaz. Fl-istess seduta deher il-konsulent legali tas-socjeta` konvenuta li talab il-fakolta li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1999 il-kawza giet differita ghas-6 ta' Dicembru 1999 ghall-istess skop.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 1999 l-inkarigu moghti lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia gie revokat stante li ma zamm l-ebda seduta.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Frar 2000 il-kawza giet differita ghall-4 ta' April 2000 ghan-notifika tal-affidavits ipprezentati mis-socjeta' AMC Electric Ltd.

Rat l-affidavits tal-attur esebiti permezz ta' nota datata 6 ta' Jannar 2000.

Rat is-seduta tat-3 ta' Frar 2000 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-istess affidavits.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' April 2000 il-kawza giet differita ghat-8 ta' Gunju 2000 ghall-ahhar darba ghall-provi kollha rimanenti.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2000 il-kawza giet differita ghall-5 ta' Lulju 2000 sabiex l-atturi jipprezentaw xi affidavits u ghall-provi kollha rimanenti.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2000 il-kawza giet differita ghall-1 ta' Novembru 2000 ghall-ahhar darba ghall-provi kollha rimanenti.

Rat in-nota tal-attur tat-28 ta' Settembru 2000 fejn gie prezentat l-affidavit tieghu stess u traduzzjoni ta' l-istess (fol. 24 sa 28).

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2000 il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha attrici ghall-10 ta' Jannar 2001 b'dan li fin-nuqqas tal-konkluzjoni tal-istess provi f'dik is-seduta l-kawza tigi kancellata.

Rat in-nota tal-attur tal-20 ta' Dicembru 2000 (fol. 31 sa 36) fejn giet prezentata relazzjoni tal-konsulent mediku Dr. Maurizio Corrier.

Rat il-verbal tal-20 ta' Jannar 2001 fejn Dr Terese Cachia ghall-atturi iddikjarat li m'ghandiex provi aktar, is-socjeta` konvenuta inghatat 20 jum biex tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datat 30 ta' Frar 2001 u d-digriet tal-Qorti tal-31 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tal-5 ta' Frar 2001 (fol. 40 sa 44 tal-process).

Rat il-verbal tas-26 ta' April 2001 fejn il-Qorti ordnat il-prolazzjoni tas-sentenza stante li ma jirrizultax li tressqu provi dwar l-introjtu tal-attur u halliet il-kawza biex jitresqu tali provi ghas-6 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbali tas-6 ta' Gunju 2001 u tas-16 ta' Ottubru 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta tas-16 ta' Ottubru 2001 fejn l-istess socjeta` rikorrenti talbet *inter alia* n-notifika mill-gdid tac-citazzjoni attrici u sabiex tigi pprezentata nota tal-eccezzjonijiet mis-socjeta` konvenuta liema rikors jinsab a fol. 48 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Ottubru 2001 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-atturi tad-29 ta' Ottubru 2001 (fol. 50 u 51 tal-process).

Rat id-digriet tal-Qorti tal-31 ta' Ottubru 2001 fejn wara li rat ir-rikors u rat ir-risposta halliet ir-rikors ghat-trattazzjoni fis-seduta li jmiss.

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2001 fejn Dr. Ivan Gatt ghas-socjeta` konvenuta irrefera ghall-provi fil-kawza Cit Nru 650/99/RCP fl-ismijiet "AMC Electric vs Crown Hotels Ltd". Dr Terese Cachia talbet li tinghata sentenza fuq dan il-punt. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li tali xhieda tigi kkunsidrata bhala xhieda f'din il-kawza w ordnat l-allegazzjoni tal-istess xhieda. Dr. Cachia talbet li taghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti ghalhekk ppreffiggiet terminu ta' ghoxrin (20) jum ghall-prezentata tal-istess nota, bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghat-23 ta' Jannar 2002.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta inkluza dik migjuba dwar in-notifika tac-citazzjoni attrici lis-socjeta` konvenuta migbura fil-kawza "AMC Electric vs Crown Hotels Limited", liema xhieda giet allegata mal-atti ta' din il-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din d-decizzjoni hija limitata ghat-talba kontenuta fir-rikors tas-socjeta` konvenuta datat 16 ta' Ottubru 2001, fejn l-istess socjeta` konvenuta qed tallega li n-notifika tac-citazzjoni attrici ma saritx *ai termini* tal-**artikolu 187 (4) tal-**

**Kap 12** peress li Martin Buttigieg, il-persuna li attwalment giet notifikata c-citazzjoni lilu, la huwa impjegat, la rappresentant legali u gudizzjarju u lanqas segretarju taghha, apparti li ma huwiex lanqas awtorizzat sabiex jippresenta atti gudizzjarji jew jaghmel dikjarazzjonijiet, noti ta' eccezzjonijiet jew skritturi f'isem l-istess socjeta` konvenuta. Illi dan apparti li l-indirizz fejn giet notifikata l-istess citazzjoni attrici lanqas ma huwa l-indirizz registrat tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi b'risposta taghha datata 29 ta' Ottubru 2001, l-atturi sostnew li n-notifika lil Martin Buttigieg fil-Crown Hotel, f'Bugibba saret fil-post tan-negozju jew l-indirizz postali tal-istess u kwantu ghall-persuna li rceviet l-istess citazzjoni din iddikjarat li hija *General Manager* u ghalhekk sta ghas-socjeta` konvenuta li tressaq provi li fil-fatt l-istess Martin Buttigieg ma kienx impjegat taghha, u dan apparti l-fatt li jidher li d-difensur tas-socjeta` konvenuta kien deher fis-seduta tat-23 ta' Gunju 1999 u kien ivverbalizza li huwa kien kontumaci u talab biss li jaghmel nota tal-osservazzjonijiet skond il-ligi, apparti li l-istess socjeta` konvenuta rceviet kopja tax-xhieda tal-istess kawza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta skond il-*Memorandum of Association* tal-istess kumpanija ghandha r-*registered office* tal-istess fil-fond Windsor Hotel, Windsor Terrace, Sliema (fol. 176 tal-process l-iehor fuq indikat), u dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Analise Chircop, rappresentanta tal-M.F.S.C.

Illi mix-xhieda ta' Mario Falzon, rappresentant tal-*E.T.C.* sostna li mir-*records* tal-istess korporazzjoni jirrizulta li l-istess Martin Buttigieg hadem bejn il-11 ta' Awissu 1969 sal-31 ta' Marzu 1991 mas-socjeta` Festa Limited; mit-22 ta' Awissu 1991 sal-31 ta' Mejju 1997 mas-socjeta` Park Lane Manmark Holdings Limited; u mill-1 ta' Awissu 1997 sal-15 ta' Ottubru 1997 mas-socjeta` Boaz Properties Limited; u fl-ahharnett mis-16 ta' Ottubru 1997 sal-prezent mas-socjeta` Sovereign Hotels Limited.

Illi dan huwa kollu kemm huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Martin Buttigieg innifsu w jinghad li l-atturi ma gabu ebda prova sabiex jikkontrastaw dawn il-provi tas-socjeta` konvenuta. Fil-fatt mill-istess xhieda anke ta' Martin Buttigieg jirrizulta li tali dokumentazzjoni tal-kawza inghatat lilu u huwa ghaddiha lis-segretarja tad-diretturi tas-socjeta` li timpjega lilu, ghalkemm din is-socjeta` u s-socjeta` konvenuta ghandha l-istess diretturi, pero` xorta jibqa' l-fatt li huwa gie notifikat meta ma kien qatt impjegat tas-socjeta` konvenuta.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li n-notifika tac-citazzjoni attrici u tal-avviz tas-smiegh tal-kawza skond ir-riferti relattivi a tergo ta' fol. 7 u fol. 8 tal-process saru fit-23 ta' April 1999 lil Martin Buttigieg fil-Crown Hotel, St. Aristarcus Street, Bugibba, u ghalhekk la darba l-istess persuna li lilha saret in-notifika ma kienetx wahda mill-persuni ndikati fl-**artikolu 187 (4) u 181A tal-Kap 12** ma jistax jinghad ghalhekk li saret notifika valida skond il-ligi.

Illi dan qed jinghad peress li l-istess Martin Buttigieg jirrizulta li qatt ma kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, lanqas fiz-zmien meta saret in-notifika, u lanqas kien persuna li kellha wahda mill-kapacitajiet indikati fl-**artikolu 181A u 187 (4) tal-Kap 12** ghaliex huwa ma kellux ir-rappresentanza guridika tal-istess socjeta`, u lanqas kien s-segretarju taghha, u lanqas kien inkarigat b'dokument in iskritt sabiex jirrapresenta l-istess f'atti gudizzjarji, jew jaghmel dikjarazzjonijiet, noti ta' eccezzjonijiet jew skritturi f'isem l-istess socjeta`.

Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li l-istess lukanda fejn l-istess socjeta` giet notifika ma huwiex l-ufficcju registrat tal-istess, kif jirrizulta mill-*Memorandum of Association* tal-istess socjeta` u ghalhekk ghal din r-raguni wkoll l-istess notifika tac-citazzjoni attrici tirrizulta li hija nulla u bla effett.

Illi qed jingieb l-argument li l-hotel fejn giet notifikata l-istess citazzjoni huwa l-ufficcju principali tal-istess socjeta` konvenuta, u dan fl-opinjoni tal-Qorti lanqas gie ppruvat; pero` anke kieku kellu jirrizulta li l-fond fejn giet notifikata c-citazzjoni attrici kien fil-fatt l-ufficcju principali tal-istess korp, xorta jibqa' l-fatt li l-persuna li giet effettivament notifikata bic-citazzjoni attrici ma kienitx wahda mill-persuni indikati fl-**artikolu 181 A (2) tal-Kap 12**, tant li fl-ebda att jew dokument pprezentat fiz-zewg kawzi dwar dan il-punt medessimu, ma jirrizulta la li l-persuna li rciviet l-att kellha r-rappresentanza guridika tas-socjeta` konvenuta, jew kienet segretarju tal-istess korp jew persuna awtorizzata bil-miktub sabiex tipprezenta atti gudizzjari ghan-nom tal-

istess socjeta` u ghalhekk qed jintalab li l-istess notifika tac-citazzjoni attrici tigi dikjarata nulla u bla effett u b'hekk l-istess socjeta` tinghata l-fakolta` sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha skond il-ligi.

Illi l-fatt li deher l-avukat tal-socjeta` konvenuta f'din il-kawza fis-seduta indikata mill-atturi ma jbiddel xejn minn tali stat ta' nullita` u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tilqa' t-talba tas-socjeta` konvenuta rikorrenti u tiddikjara l-istess notifika tac-citazzjoni attrici lis-socjeta` konvenuta fit-23 ta' April 1999 bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi fil-fatt jidher li la darba in-notifika tac-citazzjoni attrici hija nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, dak kollu li sar wara tali notifika mhux skond il-**Kap 12** jirrendi ruhu wkoll null, b'dan li l-presenza fil-procedura tal-avukat tas-socjeta` konvenuta ma jista' qatt jinghad li ser jirretifika l-istess zball, diment li ma jaccettax li jaghti ruhu notifikat bl-istess att, haga li certament is-socjeta` konvenuta ma ghamlet fl-ebda stadju.

Illi huwa veru li wiehed ma jistax ifahhar il-mod kif imxiet is-socjeta` konvenuta, li kienet taf bil-kawza zmien konsiderevoli qabel ma gie pprezentat ir-rikors minnha, pero` madankollu din il-Qorti ma thoss li ghandha ebda triq ohra hlief li abbazi tal-artikoli fuq citata tiddikjara l-istess notifika tac-citazzjoni attrici bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa' it-talba tas-socjeta` rikorrenti fir-rikors taghha tas-16 ta' Ottubru 2001,** b'dan li tiddikjara n-notifika tac-citazzjoni attrici tat-23 ta' April 1999 bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u tordna ghalhekk in-notifika mill-gdid tac-citazzjoni attrici lis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

Bl-ispejjez ta' din id-decizzjoni a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**23 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Jannar 2002**